KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar, 2005 fid-9.30am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**Din il-laqgħa ġiet imsejjħa b'urġenza biex tiġi diskussa t-tender ta' Street Cleaning Services li għalqet nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2005.**

**Il-Kuntratt preżenti jagħlaq fil-11 ta' Jannar, 2005.**

AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Tender Street Cleaning Services.

## 45 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku ressaq sospensjoni ta' regolamenti biex il-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 44 jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss (nru. 46) u li l-Kunsill jibda x-xogħol tal-Kunsill b'item numru 3 ta' l-Aġenda - Tender Street Cleaning Services.

Għaldaqstant il-Kunsill beda x-xogħol tiegħu b'item numru 3 fuq l-Aġenda.

## 45 (3) Tender Street Cleaning Services

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2005 f'nofsinhar, (għalaq it-tender) kienu ntefgħu 6 offerti għalkemm kienu nxtraw seba' (7).

45 (3).1 L-offerti mitfugħa kienu kif ġej :

| | | |
|---|---|---|
| (1) | Joe Cassar minn Qormi | Lm 8, 000.00 p/a |
| (2) | Clentech Cleaning Services | Lm 8, 627.26 p/a |
| (3) | New Era Waste Services | Lm 9, 300.00 p/a |
| (4) | Joe Farrugia | Lm 10, 200.00 p/a |
| (5) | Emmanuel Magro | Lm 10, 500.00 p/a |
| (6) | Cleansing Services Dept. | Lm 11, 803.00 p/a |

45 (3).2 Wieħed mill-kuntratturi ma' kellhux il-Bank Guarantee kif kien mitlub li jsir kif ukoll kull kuntrattur ikkwota l-ħlas dovut għall-knis fil-Ħdud u fil-Festi Pubbliċi(Ara Lista mehmuża).

45 (3).3 Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill kien tal-fehma li l-aħjar offerta bħala bażi kienet dik ta' Joe Cassar minn Ħal Qormi pero' irid jiġi negozjat is-servizz ta' knis fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi. Pero' qabel jieħu deċiżjoni finali, il-Kunsill xtaq li jiltaqa' mas-Sur Joe Cassar.

45 (3).4 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jiltaqa' mas-Sur Joe Cassar nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2005 fis-7.00pm biex jinnegozjaw il-ħlas tas-servizz fil-Ħdud u fil-Festi Pubbliċi.

Is-Sur Joe Cassar għandu jiġu nfurmat b'dan.

## 45 (2) Korrispondenza

Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'dawk l-avvenimenti l-aktar importanti li seħħew mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

45 (2).1 Dock No.1 Regeneration

Għal-laqgħa li saret apposta għal dan il-proġett (nhar l-Erbgħa 5 ta' Jannar, 2005) u għalija attenda s-Sindku Joseph Casha.

Din saret fil-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq.

(A) Is-Sindku staqsa li minn dak li ġie ppreżentat f'din il-laqgħa u mill-materjal ppreżentat (rapport) jidher dan il-proġett ser jidħol parti sew fil-konfini tal-Kunsill ta' l-Isla.

(B) Il-Kunsill ġie mitlub biex jagħti l-kummenti tiegħu sa nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, 2005.

(C) Wara diskussjoni u mir-rapport provvdut il-Kunsill huwa tal-fehma li mhux possibli li l-Kunsill janalizza dak li hu propost fi tlett'ijiem.

Mhux aċċettabbli li l-Kunsill jiġi imbuttat li jieħu deċiżjoni mgħaġġla fi żmien ta' ġranet fuq proġett ta' mportanza bħal dan u kif sejjer jolqot il-lokal ta' l-Isla.

(D) Wara li l-Kunsill ikun għamel il-homework tiegħu u jikkonsulta man-nies tekniċi u professjonali, jagħmel il-kummenti tiegħu fiż-żmien opportun.

(E) Sar qbil li l-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq jiġi nfurmat b'dan.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ħalliet il-Kamra tal-Kunsill minħabba mpenji personali.

45 (2).2 Sportiv tas-Sena

Il-Kunsill ġie mistieden biex jinnomina persuni sportivi għall-għażla ta' l-Isportiv tas-Sena.

Ġew proposti dawn l-ismijiet :

| | |
|---|---|
| Michael Gellel | (Maratona) |
| Chris Mills | (pool) |
| Duncan Bezzina | (pool) |
| Ruth Tanti | (Kick Boxing) |
| Celaine Buhagiar | (Dancing) |
| Clint Carter | (Body Building) |

Il-Kunsill ser jitlob is-cv tagħhom biex jagħżel tlieta minnhom.

45 (2).3 Seminar EU - Kunsilli Lokali

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal dan is-seminar mtella' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

45 (2).4 Użu tas-Sala tal-Kunsill

Il-Kunsill approva l-użu tas-Sala tal-Kunsill mill-Kumpanija tat-Teatru Bronk.

45 (2).5 Tree For your (34U), 16/01/05 - 04/0018/05/I

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent biex tfal mil-lokal iħawwlu siġar bħala parti minn din il-Kampanja.

Sar qbil li jsir kuntatt mal-Kap ta' l-Iskola biex jintagżlu tifel / tifla bejn 6 u 10 snin.

45 (2).6 AKL/Ċirk/88/2004 - Servizz eGovernment

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet lill-Kunsill dwar il-ftehim li bi ħsieba tasal fi ftehim mal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija biex impjegati ta' l-IPSL jiġu assenjati mal-Kunsilli biex iservu bħala impjegati fil-front office ta' l-uffiċċju amministrattiv wara li jkun ingħatalhom taħriġ adattat.

Dawn l-impjegati ser jagħmlu tajjeb għal servizzi oħra ġodda li l-Kunsilli jridu jwettqu mingħajr ħlas fil-futur qarib.

45 (2).7 Week End Break 11 sa l-14 ta' Frar, 2005

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jiġi organiżżat week end break għaċ-ċittadini tal-lokal għal żmien il-Festa tal-Maħbubin. Diġa irċevejna diversi kwotazzjonijiet minn San Antonio, Paradise Bay Resort Hotel u Suncrest Hotel.

## 45 (4) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 9, 692.05ċ, Lm 6, 236.18ċ u Lm 6, 443.72ċ.

Il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għall-għad l-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2005 fis-7.00pm biex jiltaqa' mas-Sur Joe Cassar li tefa l-aħjar offerta għall-kuntratt ta' Street Cleaning Services (Ref. 45(3)4).

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2005 fis-7.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |
| Kuntrattur : | Joe Cassar - Qormi | | |

Din il-laqgħa nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv li l-Kunsill għandu f'Misraħ 4 ta' Settembru.

45 (3).5 Wara diskussjoni li saret mas-Sur Joe Cassar, dan offra li s-Servizz tal-Ħdud u tal-Festi Pubbliċi ġew mnaqqsa bin-nofs fuq dak li kkwota. Għaldaqstant l-offerta ta' Joe Cassar qed tkun ta' Lm 8, 000.00 p/a VAT inkluża plus Lm 20 kull jum għall-Ħdud u Festi matul is-sena (Ammon totali ta' Lm 9, 320.00).

45 (3).6 Is-Sur Joe Cassar laqa' s-suġġeriment tal-Kunsill li jekk il-Kunsill japprova l-offerti tiegħu huwa lest jimjega nies mil-lokal għal dan il-kuntratt.

45 (3).7 Wara li ħalla l-laqgħa s-Sur Joe Cassar, il-Kunsill reġa' ddiskuta l-aħħar offerta li għamel is-Sur Joe Cassar.

45 (3).8 Il-Kunsill approva l-offerta tas-Sur Joe Cassar minħabba li din kienet l-irħas offerta mitfugħa u li ser jagħti s-servizzi kollha mitluba mill-Kunsill.

45 (3).9 Il-Kunsill qabel li s-Sur Joe Cassar għandu jiġi nfurmat b'dan u jiġi mitlub jibda jagħti s-servizzi tiegħu minn nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar, 2005.

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv